MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
NADIA H. VELLA**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2013

Talba Numru. 487/2012

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**vs.**

**Maria Cassar K.I. 467591 (M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tieghu is-socjeta` attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf, tmien mija u tnejn u tletin Ewro u sitta u erbghin centezmu (€1,832.46) – rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma' servizzi ta' komunikazzjoni, kont numru *A/C 51086649*, moghtija mis-socjeta` attrici lill-konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba u wkoll bl-avviz tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta` attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress li t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici is- somma ta' elf, tmien mija u tnejn u tletin Ewro u sitta u erbghin centezmu (€1,832.46), bl-imghax legali dekorribbli mit-12 ta' Lulju 2012, li hija d-data tal-prezentata tal-Avviz tat-Talba, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjez huma a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------